**26 ta' Gunju, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Wisq Rev. Mons. Lorenzo Spiteri, D.D., J.C.D., ne.
*versus*
Giuseppina Aquilina

**Piż — Preskrizzjoni — Art. 2248, 2249, 2261, u 1579 tal-Kodiċi Ċivili.**

*F'każ ta' azzjoni għall-ħlas ta' piżijiet pij mhix applikabbli l-prekrizzjoni ta' 40 sena, jekk l-eċċipjent tal-preskrizzjoni ma jkunx qed jippretendi li jinsab preskritt id-dritt tal-attur li jeżiġi l-piż gravanti fuq il-fond, b'mod li l-fond isir liberu għal kollox mill-piżijiet, imma jkun jippretendi biss li ma għandhiex titħallas ħlief l-annwalità tal-aħħar ħames snin. L-azzjoni għall-ħlas ta' piżijiet hija preskrivibbli f'ħames snin; u dan avvolja l-piżijiet huma dovuti bis-saħħa ta' att publiku.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talab li l-konvenuta tiġi kundannata tħallas lill-attur nomine s-somma komplessiva ta' £288, kwantu għall £180 dovuti mill-konvenuta għall-iskadenzi ta' ħmistax il-sena mill-1942 sal-1956 inkluživament tal-piż annwu piju mpost fuq il-fondi tal-konvenuta l-Belt Valletta, Old Theatre Street numri mil-25 sad-29, minn Maria Rosaria Aquilina għall-fondazzjoni ta' quddies eretta fl-atti tan-Nutar Alberto Sigismondo D'Andria tas-7 ta' Ottubru 1936, u in kwantu għal £108 għall-iskadenzi ta' disgħa snin, ċjoè mill-1948 sal-1956, ta' piż piju ieħor impost mill-imsemmija Maria Rosaria Aquilina fuq il-fondi tal-konvenuta numri 43. 44 u 45 St. Joseph Street, Valletta, għall-

fondazzjoni ta' quddies eretta bl-istess atti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-20 ta' Lulju 1957;

*Omissis*;

Ikkunsidrat;

Illi in konnessjoni mal-eċċepita preskrizzjoni kwinkwennali l-attur qanqal il-kontro-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' erbgħejn sena kontemplata fl-art. 2248 u 2249 tal-Kodiċi Ċivili; iżda, fil-fehma tal-Qorti, din id-dispożizzjoni mhijiex applikabbli għall-każ. Difatti, il-konvenuta mhix qegħeda tippretendi li jinsab preskritt id-"dritt" tal-attur li jeżiġi l-piżijiet gravanti fuq il-fondi in kwistjoni, b'mod li dawn il-fondi jsiru liberi għal kollox minn dawk il-piżijiet, imma tippretendi li ma għandhiex tħallas ħlief l-annwalità tal-aħħar ħames snin, billi l-iskadenzi ta' qabel jinsabu milquta mill-preskrizzjoni prevista fl-art. 2261 tal-Kodiċi ċitat; liema dispożizzjoni tipprevedi l-azzjoni għall-ħlas tal-prestazzjonijiet "aċċessorji", bħal ma huma l-piżijiet u in ġenerali dak kollu li jitħallas bis-sena jew kull tant żmien ieħor anqas minn sena; u l-iskop tagħha kien, fil-kliem tar-relatur tal-Kodiċi Franċiż, "di impedire che i debitori fossero ridotti alla miseria per effetto di annualità accumulate" (Troplong, Prescrizione, art. 2277, paġ. 546, col. 2da.);

Xejn ma jiswa illi dawn il-piżijiet huma dovuti bis-saħħa ta' att publiku (fol. 5); għaliex l-art. 2261 fuq ċitat jipprevedi anki dan il-każ; kif jiġi argumentat mil-fatt illi huma kompriżi fih anki ċ-ċnus, li huma dejjem dovuti bis-saħħa ta' att publiku (art. 1579 Kod. ċit.);

Konsegwentement, mhix applikabbli l-preskrizzjoni ta' erbgħejn sena, opposta mill-atturi;

Illi, kwantu għall-preskrizzjoni ta' ħames snin, irriżulta . . . . . . .; u dan apparti l-interruzzjoni riżultanti mill-ittra uffiċjali tal-20 ta' Lulju 1957;

Għal dawn il-motivi;

*Omissis;*

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' 40 sena; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni ta' ħames snin; bl-ispejjeż kontra l-konvenuta;

U konsegwentement tilqa' t-talba tal-attur nomine; bl-ispejjeż.